## 27 ta' Novembru, 1991

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., L.L.D.**

Anton, Antonia Xebba, u Marianna xebba, lkoll aħwa Attard

*versus*

Il-Ministru tal-Politika Soċjali, *et.*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni – Trattament Inuman – Proprjetà – Qbiela – Raba Saqwi – Esproprjazzjoni – Skop Pubbliku – Interess Pubbliku**

*Ir-rikorrenti detenturi bi qbiela ta' art saqwi, allegaw li bl-esproprjazzjoni da parti tal-Gvern ta' din l-art ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom u dan billi huma ġew assoġġettati għal trattament inuman u diskriminatorju u ġew leżi fil-konfront tagħhom id-dritt għall-proprjetà. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tagħhom. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*F'kawżi simili l-leġittmu kontradittur huwa l-Kummissarju tal-Art li f'ismu issir l-akkwist effetwat bl-esproprjazzjoni. Il-fatt li fuq mertu simili setgħat ingħatat mill-Qorti deċiżjoni differenti ma tammontax per se għal diskriminazzjoni projbita għax dik id-diskriminazzjoni trid tkun bażata fuq il-fatturi elenkati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni.*

*Dwar l-esproprjazzjoni l-Qorti għamlet distinzjoni bejn l-iskop pubbliku u l-interess pubbliku. L-isfera tal-Qorti hija limitata għall-eżami u definizzjoni tal-kontenut u l-limit tal-interess pubbliku.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-atturi ppreżentaw rikors fil-Qorti Ċivili Prim'Awla u ppremettew illi: –

(a) huma l-possessuri ta' biċċa art saqwija imsejħa "Tal-Far" ir-Rabat, Għawdex, li ġiet akkwistata b'xiri assolut permezz ta' dikjarazzoni ta' l-Aġent-President ta' Malta fit-28 ta' Marzu 1989;

(b) Ir-raba hija saqwi w minnha għexu u għadhom jgħejxu minnha biss, Antonia u Marianna Attard;

(ċ) Il-Qorti Superjuri Ċivili ta' Għawdex ħarġet mandat ta' inibizzjoni numru 68/89 fl-ismijiet Rose Azzopardi et vs Chairman ta' l-Awtorità tad-Djar et, fuq fatti simili għal dawk esposti mir-rikorrenti, mentri l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħditu meta talbuh huma. Dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra tagħhom u huwa aġir li jmur kontra l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittjiet tal-Bniedem;

(d) Ir-rikorrenti ma ġewx notifikati bid-dikjarazzjoni għall-esproprjazzjoni, għalkemm l-interess tagħhom kien magħruf mill-Awtoritajiet u dan, mhux biss imur kontra l-artikoli 9 u 10 tal-

Kap. 88 imma jivvjola wkoll l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

(e) L-esproprjazzjoni ma saritx fl-interess pubbliku għaliex l-iskema għall-bini ta' djar tista' tiġi implimentata fuq art tal-Gvern mingħajr ma tittieħed art mingħand persuni li jgħixu minnha lill-persuni oħra biex jibnu fuqha. Taħt din l-art, imbagħad hemm ġibjuni naturali kbar li jirrendu l-art saqwija u li, meta fuqha jsir il-bini, jeħtieġu pedamenti kostużi nkwantu jridu jaslu sal-fond ta' l-istess ġibjuni. Dan ifisser li l-art se tinqasam u tingħata lil nies li jistgħu jifilħu għal din l-ispiża. Iċ-ċittadin komuni ma għandux dritt li jieħu lura mingħand inkwilin art saqwija biex fuqha jibni u dan il-prinċipju ta' interess pubbliku mhux qed jiġi rispettat mill-Gvern;

L-esproprjazzjoni għalhekk tivvjola l-artikoli 36 u 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni billi tassoġġetta lir-rikorrenti għal trattament inuman u degradanti, u tneħħilhom id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti talbu lil dik il-Qorti sabiex wara li tikkonstata u tiddikjara dawk il-vjolazzjonijiet kostituzzjonali fil-konfront tagħhom, tħassar u tannulla l-esproprjazzjoni msemmija u tinibixxi lill-intimati milli b'xi mod jidħlu jew jużaw l-art esproprjata jew li jqassmuha lil terzi;

Iċ-Chairman ta' l-Awtorità tad-Djar, barra li rrespinġa l-affermazzjonijiet tar-rikorrenti billi kollox sar skond il-liġi u xejn kontra tagħha, eċċepixxa wkoll illi l-Qorti ma tistax tissindika diskrezzjoni amministrattiva li tiddeċidi fejn se tiġi implimentata Skema ta' bini tad-Djar;

L-Onorevoli Ministru tal-Politika Soċjali, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari għad-Djar, il-Kummissarju ta' l-Artijiet u d-Direttur tax-Xogħlijiet, eċċepew:

(a) preliminarjament li l-uniku leġittimu kontradittur ta' l-istanza, huwa l-Kummissarju ta' l-Artijiet u għalhekk ħlief dan, l-intimati kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

(b) li r-rikorrenti jridu jippruvaw li huma sidien ta' l-art in kwistjoni;

(ċ) li l-aħwa Attard m'għandhomx interess ġuridiku li jipproponu r-rikors għaliex m'għandhomx liċenzja biex ibiegħu l-prodotti agrikoli, u m'humiex bdiewa magħrufa lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura;

(d) illi r-rikorrenti ma qalux fuq liema bażi saret l-allegata diskriminazzjoni kontra tagħhom, u kull ġudikant jiddeċidi l-każ li jkollu quddiemu, fuq il-fatti u s-sottomissjonijiet li jsirulu;

(e) illi jekk inkisret il-liġi – Kap. 88 – ir-rikorrenti messhom ittentaw ir-rimedji ordinarji qabel jiġu quddiem dik il-Qorti b'lament kostituzzjonali, u għalhekk dik il-Qorti hija invitata biex tapplika kontra tagħhom l-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Konvenzjoni u tirrifjuta li tismagħhom fuq dan il-punt;

(f) li l-interess pubbliku jew aħjar l-iskop pubbliku, skond l-artikolu 6 Kap.88, huwa ppruvat mill-istess dikjarazzjoni Presidenzjali ta' esproprjazzjoni.

(g) li l-kumpens xieraq – jekk ir-rikorrenti huma ntitolati għalih – huwa kontemplat fil-liġi – Kap. 88. Il-Qrati għandhom quddiemhom kwistjonijiet li jirrigwardaw il-"quantum" tal-kumpens u mhux id-dritt governattiv ta' esproprjazzjoni;

(h) Finalment, il-fatti allegati b'ebda mod ma jistgħu jikkostitwixxu dak li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jifhmu bi trattament inuman u degradanti;

Is-sentenza li minnha qed isir dan l-appell mir-rikorrenti, billi din ċaħdet it-talbiet tagħhom ingħatat fid-9 ta' Mejju 1990. L-aggravji lamentati se jiġu kkunsidrati fl-ordni li qegħdin fir-rikors ta' appell;

Is-sentenza illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimati kollha barra mill-Kummissarju ta' l-Art, li huwa l-uniku leġittmu kontradittur ta' l-istanza. Ir-rikorrenti jgħidu li d-deċiżjoni għall-esproprjazzjoni ttieħdet f'livell ta' Kabinett tal-Ministri u t-talba għall-inibizzjoni tolqot speċjalment iċ-Chairman ta' l-Awtorità tad-Djar u d-Direttur tax-Xogħolijiet;

Ir-risposta għal dawn l-aggravji hija li jekk ir-rikorrenti dehrilhom li riedu jolqtu l-Gvern kollu allura kellhom iħarku sempliċement lill-Onorevoli Prim Ministru, li għandu dik ir-rappreżentanza kollettiva. La ħarrku diversi kapijiet ta' dikasteri u dipartimenti governattivi allura jridu juru li kull wieħed minnhom għandu x'jirrispondi fuq il-fatti allegati. Dak li r-rikorrenti qegħdin jattakkaw hija l-proċedura li biha biċċa art li huma jiddetjenu bi qbiela, ġiet esproprjata u għal dan għandu jirrispondi l-Kummissarju ta' l-Art, billi l-art esproprjata tiġi investita fih, f'isem il-Gvern, u l-intimati l-oħra jistgħu joperaw

biss **wara** li tiġi effettivament konklużа l-operazzjoni espropriattiva mentri ir-rikorrenti qegħdin jattakkaw il-bidu nett ta' dik l-operazzjoni b'mod li jekk jirnexxilhom, l-awtoritajiet l-oħra mħarrka ma jkunux jistgħu jaġixxu;

L-argument rigward it-talba għall-inibizzjoni kien ikun validu kieku saret xi prova li l-Kummissarju ta' l-Art kien effettivament, ippermetta lil xi persuna oħra li fuq l-art espropriata, tagħmel xi ħaġa li tippreġudika lir-rikorrent;

Għalhekk dak li ġie deċiż fuq din l-eċċezzjoni huwa korrett;

It-tieni lament tar-rikorrent huwa rigward il-fatt li s-sentenza appellata rrespinġiet l-allegazzjoni rigward diskriminazzjoni u dan inkwantu rriteniet li billi fis-sistema ġuridika tagħna deċiżjoni ta' qorti ma torbotx qorti oħra w jistgħu jirrikorru żewġ deċiżjonijiet differenti, dan, però, ma jammontax għal diskriminazzjoni;

Fuq dan il-punt din il-Qorti tikkonfessa illi (a) l-allegata diskriminazzjoni – se mai – saret billi żewġ qrati differenti taw żewġ deċiżjonijiet differenti u fuq daqshekk ma jistax jirrispondi l-Kummissarju ta' l-Art u (b) li, dak huwa aktar importanti, billi mhux kull kwalità ta' diskriminazzjoni hija projbita, imma dik li hija bażata fuq xi wieħed mill-fatturi elenkati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni – ir-rikorrenti imkien, fil-proċess kollu, ma speċifiaw liema hija l-bażi diskriminatorja li tagħha huma kienu, jew huma, vittmi;

Huwa veru li r-rikorrenti jgħidu li d-diskriminazzjoni "m'hix toriġina mill-Qrati tagħna, iżda min-nuqqas ta' awto-regolamentazzjoni tal-intimati", billi għalkemm ġa inibiti għal

dak li jirrigwarda kwistjoni simili fuq art kontigwa, xorta waħda, fil-każ preżenti, baqgħu jinsistu u b'hekk ipprovokaw kuntrast fid-deċiżjonijiet tal-Qrati – imma dan ir-rifless m'huwiex korrett għaliex l-intimat anzi jidher li mexa b'mod simili fiż-żewġ każijiet għaliex esproprja ż-żewġ proprjetajiet u oppona ż-żewġ mandati ta' inibizzjoni u għalhekk l-operat tiegħu, jekk xi ħaġa – skond l-argument tal-appellanti, m'huwiex korrett għaliex ma ddiskriminax bejn każ u ieħor, u baqa' jopponi anki meta, f'każ preċedenti, il-Qorti rriġettat l-oppożizzjoni tiegħu;

Ir-rikorrenti ħassew ruħhom aggravati wkoll bir-rifless fuq l-"interess pubbliku", billi huma sostnew li m'huwiex fl-interess pubbliku li l-Gvern jesproprja art li hija saqwija, u qatt ma qalu li dak li sar mill-intimat kien nieqes minn ġustifikazzjoni soċjali;

L-ewwelnett irid jiġi nnotat li hemm differenza sostanzjali bejn l-**iskop pubbliku** li hemm imsemmi fl-artikoli 3, 4, 8(1) tal-Kap. 88 u l-**interess pubbliku** li ssemmi l-Kostituzzjoni, kważi fl-artikoli kollha tal-Kapitolu IV, jiġifieri dak li jittratta fuq id-drittijiet fundamentali. U din id-differenza, l-appellanti jinnotawha, però sfortunatament xorta jesponu argumenti fuq l-**interess pubbliku** filwaqt li jikkonċedu illi l-iskop li għalih ittieħdet l-art tagħhom ma kienx "nieqes minn ġustifikazzjoni soċjali";

Din l-ammissjoni hija biżżejjed biex telimina kull aggravju tar-rikorrenti f'dan ir-rigward – għaliex huma jistgħu jillamentaw li huma vittmi ta' xi att li seta' sar fl-"interess pubbliku", meta dan ma jkunx minnu; imma hawnhekk huma qed jgħidu li huwa **fl-interess pubbliku** li l-art tagħhom ma tiġix esproprjata. – U fuq dan it-terren, b'dan il-mod, il-Qorti ma tantx tista' timxi 'l quddiem għaliex il-kompitu tagħha huwa

li teżamina u tiddefinixxi l-kontenut u l-limiti ta' l-interess pubbliku u sa fejn *dan* jista' jiġġustifika l-intrużjonijiet tal-poter pubbliku fl-isfera tad-drittijiet fundamentali tal-persuna, tal-privat. Imma dawn m'huwiex it-termini tal-kontroversja preżenti u m'humiex għalhekk konsentiti diskwizzizjonijiet li m'humiex ankrati mal-fatti konkreti tal-kawża, u għalhekk, bir-rispett kollu għas-sentenza appellata, dak li hemm fiha, fuq dan il-punt, ma jista' b'ebda mod, jiġi **eżaminat** minn din il-Qorti, inkwantu jeżorbita kompletament minn dak li huwa in kawża;

Ma' l-aggravju hawn fuq speċifikat, hemm imbagħad l-aggravju ġenerali li l-appellanti jidhrilhom li huma mhux se jingħataw kumpens xieraq – meta jiġu kkunsidrati sewwa iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ tagħhom;

Fuq dan il-punt – li **konkretament** jista' jirriżulta l-aktar punt importanti tal-vertenza kollha, din il-Qorti jidhrilha illi la **formalment,** almenu, il-Kap. 88 jipprovdi li għandu jitħallas kumpens għal kull interess li jiġi esproprjat – jekk dan jirriżultax xieraq jew le jiddependi mir-riżultanzi fattwali li l-Qorti tkun f'pożizzjoni li teżamina meta jirriżultaw u mhux possibbli li dan l-eżami jsir preġudizzjalment u, in antiċipazzjoni, tejoretikament negattiva. Dak li huwa formalment konformi mad-disposizzjonijiet kostituzzjonali jista' jirriżulta fil-prattika u fis-sustanza leżiv ta' dawk id-drittijiet u huwa **dak** il-mument, meta l-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali għandhom jintervjenu, **f'dawn il-każijiet,** u mhux **qabel.** U din hija l-ġustifikazzjoni proċedurali tal-proviso ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li tippermetti r-rifjut tal-qorti li tikkunsidra dan ix-xorta ta' lament; bilanċjata kif inhi mal-provvediment preċedenti fl-istess art. 46(1) fejn il-qorti tista' tintervjeni anki meta l-vjolazzjoni tkun għada fl-isfera tal-possibbli u probabbli – "**x'aktarx** se tiġi miksura";

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell tar-rikorrenti hu għalhekk, anki t-talbiet tar-rikors tagħhom, huma miċħuda;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza kif regolati, dawk ta' din l-istanza għall-appellanti.